# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tat-tlettax -il laqgħa tat-Tieni Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2015, fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| | **Il-Membri** |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Dott. Francesca Zarb |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Lino Camilleri (Assenti) |
| | Is-Sur Anthony Gatt |
| | Is-Sinjura Helen Montebello (Assenta) |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech (Assenta skużata) |
| **<u>L-Uffiċċjal</u>** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Neil Spiteri |



Għat-tlettax -il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv kienu preżenti Dott. Francesca Zarb, u s-Sur Anthony Gatt.

Il-laqgħa bdiet tard peress li ma kienx hemm kworum. Imma ġie deċiż li l-laqgħa ssir xorta u mhux tiġi trasferita għal darba oħra.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm preżenza tal-pubbliku.

1. Talba

   Il-laqgħa bdiet billi ċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet it-talba.

2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 12

   Il-minuti tat-12 -il laqgħa tqassmu ma' l-aġenda u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijet biċ-*Chairperson* Dott. Francesca Zarb pproponiet li l-minuti jiġu approvati. Is-Sur Anthony Gatt ssekonda u l-minuti ġew approvati u ffirmati.

3. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

   Rigward il-Laqgħa tal-Lokalita' s-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-liġi titlob li r-reklam tal-laqgħa annwali tal-lokalita' jidher darba f'kull gazzetta lokali ta' kuljum u jinstema' darba fuq ir-radji nazzjonali. Għaldaqstant inżommu f'moħħna din il-klawsola għal-laqgħa annwali tas-sena d-dieħla.

4. Follow up tal-Laqgħa tal-Pubbliku tat-8 ta' Ottubru.

   Il-minuti tal-laqgħa ġew approvati u ffirmati. Kien hemm xi problemi li ġa ssolvew u oħrajn li għadhom le.
   Waħda minn dawk li ma ssolvietx kienet dik tal-ħofor fi Triq Brigella. Iċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb talbet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel rakkomandazzjoni dwar kif il-problema tista' tissolva.
   Rigward it-trasport pubbliku ġie kkjarifkat illi l-ilment tan-nies kien dwar rotta 047 li matul il-jum tgħaddi darba fis-siegħa biss. Is-Segretarju Eżekuttiv se jikteb lil Transport Malta biex jiġi ċċekkjat tistax din ir-rotta topera kull nofs siegħa.

5. Ġieħ Fleur de Lys

   Iċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb ikkonfermat s-sehem ta' l-orkestra u xtaqet li s-Segretarju Eżekuttiv jgħaddilha l-lista tan-nies li jiġu mistiedna għal Jum Birkirkara ħalli nimxu ma' l-istess lista.

6. **Matters arising**

Iċ-*Chairperson*, Dott. Francesca Zarb qalet illi ltqajna mas-Sur Euchar Camilleri tas-St.Joseph Athletic Club dwar l-attivta' sportiva tat-tlettax ta' Diċembru u bqajna miegħu illi l-ewwel jara hu x'għandu bżonn bħala gwardjani u pulizija u mbagħad naraw kif nistgħu nkopru l-ispiża.

7. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiccat fis-6 p.m u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 30 ta' Novembru 2015, fil-5.30 p.m. fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Dott. Francesca Zarb

Chairperson

Neil Spiteri

Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv